25 ta' Novembru, 1957

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Prof. Anthony J. Mamo, O.B.E., ne. *versus* Nutar Emmanuele Agius

## Qorti ta' Reviżjoni tal-Attijiet Notarili — Nutar — Boll — Taxxa Tas-Suċċessjonijiet u Donazzjonijiet — Preskrizzjoni — Art. 144 tal-Kap. 92 — Art. 28 Kap. 70 — Kap. 68

*L-azzjoni dixxiplinari kontra n-nutari li jonqsu milli jimbullaw l-attijiet li jirċievu kif u fl-ammont li tippreskrivi l-liġi kolpita bil-preskrizzjoni ta' ħames snin, skond il-Liġi dwar il-Professjoni tan-Nutari u tal-Arkivji Notarili. Iżda dik il-preskrizzjoni mhix applikabbli fil-każ li n-nuqqasijiet tan-nutar ikunu dwar id-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar it-Taxxa tas-Suċċessjonijiet u Donazzjonijiet.*

*F'materja limitattiva tal-azzjoni, bħal ma hija l-preskrizzjoni, mhix ammissibbli l-interpretazzjoni estensiva, u l-preskrizzjoni hija istitut ta' interprezzjoni strettissima. Għaldaqstant, billi dik il-preskrizzjoni tirrigwarda l-azzjoni dixxiplnari kontra n-nutari għall-ksur tal-Liġi tan-Nutari, ma tistax dik l-istess preskrizzjoni tiġi applikata għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar it-Taxxa tas-Suċċessjonijiet u Do-*

*nazzjonijiet, li fuqhom dik il-liġi tistabbilixxi espressament preskrizzjoni partikulari.*

Il-Qorti;

Fuq ir-rikors ta' l-Attorney General;

Rat id-digriet tat-28 ta' Marzu 1957, tal-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Attijiet tan-Nutari, li bih, wara l-eżami ta' l-attijiet tan-Nutar Emmanuele Agius tas-sena 1950, ikkundannat lil dak in-Nutar għal diversi kontravvenzjonijiet u rrinvijat għall-konjizzjoni ta' l-istess Qorti bħala Qorti Kolleġjali l-kontravvenzjonijiet oħrajn li ġejjin, talli: —

(a) Kontra l-art. 28 (2) tal-Kapitlu 70, dak in-nutar naqas li jiddikjara li dik il-parti tal-fond trasferit fl-att, li ma kienetx akkwistata minn wirt, imma kienet ġiet akkwistata b'titolu oneruż, mhix imponibbli; u dan f'erba' atti ċjoè fl-att numru 17 a fol. 82 tal-volum, fl-att numru 31 a fol. 165 tal-volum, fl-att numru 137 a fol. 846 tal-volum, u fl-att numru 138 a fol. 875 tal-volum;

(b) Kontra l-art. 28 (1) tal-Kapitlu 70, l-imsemmi nutar naqas li jivverifika jekk il-fond trasferit fil-kuntratt numru 92, fol. 508 tal-volum, kienx suġġett għat-taxxa tas-suċċessjoni u donazzjoni;

(c) Kontra n-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 119 tal-1947, dak in-nutar naqas li jħallas direttament lill-Kollettur tat-Taxxi l-ammont ekwivalenti għall-boll li f'kull każ jeċċedi £10, u dan fuq tliet atti, ċjoè att numru 101 fol. 559 tal-volum, att numru 148 fol. 956 tal-volum, u att numru 153 fol. 993 tal-volum;

(d) Kontra l-art. 8 tal-Kap. 68, l-atti numri 97, 113, 133, 135, 139, 147, 161 u 164, ġew imbullati żmien wara li ġew publikati;

(e) Kontra l-art. 57 u 58 tal-Kap. 68, l-atti numri 98, 103, 110, 112, 120, 132, 136, 155, 158, 160, 166, 172, 173, 174 u 177, ġew imbullati insuffiċjentement fl-ammonti rispettivament indikati fl-anness dokument "A";

(f) Kontra l-art. 8, 57 u 58, tal-Kap. 68, l-atti numri 95, 101, 106, 108, 121, 127, 129, 130, 137, 138, 142, 144, 165 u 175, ġew imbullati żmien wara li ġew publikati, u

dan insufficjentement, kif specifikat fl-istess dok. "A" fuq imsemmi;

(g) Kontra l-art. 31 tal-Kap. 68, naqas li jimbolla r-reġistru ta' l-atti "inter vivos' u tat-testmenti, kif specifikat fl-istess dokument "A";

Rat id-digriet tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet tan-Nutari bħala Qorti Kolleġjali, tat-23 ta' Mejju 1957, li bih dik il-Qorti ddikjarat estinta l-azzjoni dixxiplinari għall-infrazzjonijiet kollha fuq imsemmija; billi kkunsidrat illi, kif wieħed jargumenta mis-sentenza ta' l-Appell tad-9 ta' Marzu 1949 in re "Nutar Carmelo Farrugia vs. Dr Louis Galea", l-azzjoni dixxiplinari hi preskritta biż-żmien ta' ħames snin skond l-art. 144 Kap. 92;

Rat ir-rikors ta' l-Attorney General, li appella mid-digriet fuq imsemmi tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet tan-Nutari bħala Qorti Kolleġjali tat-23 ta' Mejju 1957, in kwantu biss dik il-Qorti ddeċidiet illi l-azzjoni dixxiplinari għan-nuqqasijiet kontra d-dispost ta' l-art. 28 (1) u (2) tal-Kap. 70 (Ordinanza dwar it-Taxxi tas-Suċċessjoni u Donazzjoni), elenkati hawn fuq taħt (a) u (b) hija estinta, u limitatament għal dan il-kap, u talab riforma ta' dak id-digriet fis-sens li din il-Qorti tikkonfermah in kwantu dik il-Qorti ddikjarat estinta l-azzjoni dixxiplinari dwar il-kontravvenzjonijiet elenkati hawn fuq taħt (c) (d) (e) (f) u (g), kontra d-disposizzjonijiet tal-Kap. 68 (Ordinanza dwar it-Taxxi tal-Boll), u tirrevokah in kwantu dik l-istess Qorti ddikjarat estinta l-azzjoni dixxiplinari dwar il-kontravvenzjonijiet kontra l-art. 28 tal-Kap. 70 (Ordinanza dwar it-Taxxi tas-Suċċessjoni u Donazzjoni) elenkati hawn fuq taħt (a) u (b), billi, minflok, din il-Qorti tikkundanna lil fuq imsemmi Nutar Emmanuele Agius, għal dawn il-kontravvenzjonijiet kontra l-art. 28 tal-Kap. 70, għall-pagament ta' penali li tidher xierqa u approprijata taħt l-art. 28 (3) tal-Kap. 70; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet tan-Nutari, kostitwita kolleġjalment, iddikjarat estinta l-azzjoni dixxipli-

nari fuq imsemmija bis-saħħa ta' l-art. 144 tal-Kap. 92, u nvokat l-awtorità tas-sentenza ta' dil-Qorti tad-9 ta' Marzu 1949 in re "Nutar Carmelo Farrugia vs. Dr Louis Galea ne.". Dak l-artikolu jgħid li "l-azzjoni dixxiplinari kontra nutari għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, punibbli bil-piena tat-twiddiba u ċ-ċanfira, ta' l-ammenda, tas-sospensjoni jew tad-destituzzjoni, tispiċċa wara ħames snin minn dak inhar li tkun saret il-kontravvenzjoni". Mis-sempliċi qari ta' dak l-artikolu jidher ċar li dik id-dispożizzjoni ma tapplikax ħlief għall-każi ta' ksur tad-dispożizzjonijiet hemm imsemmija kontra dak l-istess Att, Kap. 92; għax il-kliem stess jillimitaw is-saħħa u l-estensjoni ta' dik id-dispożizzjoni. Kieku l-leġislatur ried japplika dik il-preskrizzjoni għall-każijiet kollha ta' azzjoni dixxiplinari kontra nutari, kien juża termini ġenerali u jikkomprendi kull xorta ta' azzjoni dixxiplinari. Iżda dan ma għamlux, u llimita dik il-preskrizzjoni għall-azzjoni fuq ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dak l-Att biss fih imsemmi;

F'materja limitattiva ta' l-azzjoni, bħal ma hi l-preskrizzjoni, l-interpretazzjoni estensiva mhix ammissibbli; għax il-preskrizzjoni hija istitut ta' interpretazzjoni strettissima;

Fil-każ preżenti, l-azzjoni dixxiplinari tirrigwarda ksur ta' dispożizzjonijiet mhux tal-Kap. 92, iżda ta' liġi oħra speċjali, li hija dik tal-Kap. 70, rigwardanti Taxxi tas-Suċċessjoni u Donazzjoni, u għalhekk mhux ksur ta' dispożizzjonijiet li fuqhom dak l-Att jistabbilixxi espressament preskrizzjoni partikulari;

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti tar-Reviżjoni nvokat l-awtorità tas-sentenza ta' dik il-Qorti tad-9 ta' Marzu 1949, in re "Nutar Carmelo Farrugia vs. Dr Louis Galea ne.". F'din is-sentenza din il-Qorti, diversament kostitwita, qalet li, peress li l-liġi Kap. 92 hija posterjuri għall-Kap. 70, "id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' dik il-liġi fil-parti dixxiplinari u fil-materja ta' pieni kontra nutari huma anki applikabbli ... Is-sistema kollu stabbilit f'dik il-liġi ġenerali, li tittratta fuq il-professjoni notarili, huwa anki applikabbli għal dispożizzjoni dixxiplinari li tkun tinsab f'liġi oħra, kif inhu l-art. 28 Kap. 70".

Huwa ċar li dan ir-raġunament mhux applikabbli għall-art. 144 tal-Kap. 92, rigwardanti l-preskrizzjoni; għax dan l-artikolu mhuwiex dispożizzjoni ta' natura ġenerali li tikkontempla, bħal ma huwa l-każ ta' xi artikoli oħrajn tal-Kap. 92, l-azzjonijiet dixxiplinari in genere kontra nutari. Anzi, f'dak l-artikolu *l-liġi stess notarili tillimita l-applikabbilità* tad-dispożizzjoni, u għalhekk tirrendi inapplikabbli l-preskrizzjoni hemm stabbilita għall-każi ta' ksur ta' dispożizzjonijiet ta' liġijiet oħrajn. Ċertament din il-Qorti, kif inhi kostitwita, ma tistax tagħti lil dik id-dispożizzjoni relattiva għall-preskrizzjoni l-interpretazzjoni estensiva li tagħtha l-Qorti *Kolleġjali tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet tan-Nutari*;

Ikkunsidrat;

Illi l-ksur tal-liġi mputati lin-Nutar Emmanuele Agius ma jirrigwardawx il-Kap. 92 tal-Liġijiet, iżda liġi oħra, li hija l-Kap. 70, relattiva għat-Taxxa tas-Suċċessjoni u Donazzjoni, li fl-art. 144 tal-Kap. 92 ma tissemmiex. U tabilħaqq, *dik hija liġi speċjali li għall-ksur tagħha hemm stabbilita* penali speċjali. Huwa veru li kontra d-digriet tal-Qorti Kolleġjali tar-Reviżjoni hemm dritt ta' appell lil din il-Qorti anki fil-każ ta' punizzjonijiet dixxiplinari taħt il-Kap. 70 tal-Liġijiet mingħajr ma dan tgħidu l-liġi tal-Kap. 70; iżda dan jsir bis-saħħa ta' l-art. 114 tal-Kap. 92, li jagħti d-dritt ta' l-appell b'mod ġenerali u komprensiv, u bla ebda limitazzjoni "against award of any disciplinary punishment". Id-distinzjoni tal-portata tad-dispożizzjoni taż-żewġ artikoli 114 u 144 tal-Kap. 92 tidher ċara mit-termini ġenerali tal-waħda u t-termini limitattivi ta 'l-oħra, u ma tħalli ebda dubju. Għaldaqstant, l-azzjoni "de qua" ma tistax tiġi kunsidrata estinta bis-saħħa ta' l-art. 144 tal-Kap. 92 fuq ċitat, u għalhekk hemm lok għar-riforma tas-sentenza appellata, fis-sens tar-revoka tagħha in kwantu l-Qorti tar-Reviżjoni ddikjarat estinta l-azzjoni fuq il-kapi appellati;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Il-Qorti tilqa' l-appell fis-sens li tirrevoka l-parti tas-sentenza appellata fejn ġiet dikjarata estinta l-azzjoni fuq il-kapi appellati, u tiddikjara inapplikabbli għall-każ il-preskrizzjoni kontemplata fl-art. 144 tal-Kap. 92 tal-Liġijiet;

u tirrinvija l-konjizzjoni tal-meritu ta' l-imputazzjonijiet fuq il-kapi appellati quddiem il-Qorti Kolleġjali tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet tan-Nutari; u in vista taċ-ċirkustanza li l-eċċezzjoni ta' l-estinzjoni ta' l-azzjonijiet ġiet imqajma "ex ufficio" mill-Qorti biss, tordna li l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa; bid-dritt tar-Reġistru kontra l-appellat.

---